# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 18**

**Avviz numru 735/99/SM**

**Albert Sammut**

**vs**

**Mary Rose Nolan**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-attur is-somma ta' tliet mija wiehed u hamsin lira hamsa u sebghin centezmu (LM351.75,0) bhala danni li hi kkagunajtlu in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara l-Marsa fil-5 ta' Lulju 1998 meta waqt li kienet qed issuq il-vetura Nru EAW 986 habtet mal-vettura**

**Nru DBY 363, proprjeta' tal-attur u misjuqa minn Emanuel Schembri, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hi kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Dicembru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-prezentata ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' dan l-avviz, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi d-danni reklamati huma esagerati u ma jirriflettux id-danni kagunati fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-vertenza in dizamina, anke kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta, hi purament limitata ghall-qwantum tad-danni sofferti mill-attur li huma kontestati mill-konvenuta;**

**2. Illi l-ammont ta' danni rikjesti mill-attur huma dawk rizultanti mill-incident awtomobilistiku li l-partijiet kienu involuti fih li ghalieh il-konvenuta assumiet ir-responsabbilta;**

**3. Illi kagun ta' dan l-incident, impjegati ta' l-Awtorita' tat-Trasport nehhew il-pjanci tan-numru ta' registrazzjoni tax-xarabank ta' l-attur;**

**4. Illi konsegwenza ta' dan, ix-xarabank kellu jitnehha mit-triq;**

**5. Illi peress li sid ix-xarabank ma jippossjedix garaxx allura, taht l-awtorita' ta' l-imsemmija impjegati ta' l-Awtorita' tat-Trasport, ittowja x-xarabank fil-parkegg ta' l-ajruport, u wara ha l-istess ghand il-"panel beater" ghat-tiswijiet necessarji;**

**6. Illi in oltre l-attur tilef hames t'ijiem xoghol;**

**7. Illi d-danni komplessivi ghall-attur jammontaw ghas-somma minnhu mitluba fl-avviz odjern;**

**Illi ghar-ragunijiet esposti din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konveuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta Mary Rose Nolan biex thallas l-ammont ta' tlett mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi, (LM351.75,0), lill-attur Albert Sammut bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**